MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 308/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camilleri**
**Pierre Camilleri**
**Anthony John Grech Sant**
**-- *omissis* --**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra **Mario Camilleri**, bin Spiridione u Mary nee Allegretto, imwieled fil-21 ta' Mejju 1962, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 320862M, **Pierre Camilleri**, bin Mario u Rebecca El Jihani nee Simiana, imwieled fit-18 ta' Novembru 1981, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 655581M, u **Anthony John Grech Sant**, bin Louis John u Evelyn nee Grech, imwieled fl-20 ta' Dicembru 1946,

detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 27047M[1], talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Lulju 2002 u fix-xhur ta’ qabel, in konnessjoni ma’ sentenza moghtija fil-5 ta’ Lulju 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mario Camilleri*:

1. irrendew ruhhom komplici billi kkorrompew lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u lill-Imhallef Patrick Vella, it-tnejn ufficjali jew impjegati pubblici, u dan in konnessjoni mal-kariga jew impieg taghhom ta’ Prim Imhallef u Imhallef rispettivament tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, billi offrew xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili iehor, jew ta’ xi vantagg iehor lill-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u lill-Imhallef Patrick Vella li ghalihom l-istess Prim Imhallef u Imhallef ma kellhomx il-jedd, b’dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta’ l-offerta kien sabiex l-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella jonqsu li jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom li jaghmlu, u b’dan ukoll illi barra milli l-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u Imhallef Patrick Vella accettaw il-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqsu li jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu;

2. weghdu, taw jew offrew, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna, detentur ta’ kariga gudizzjarja u cioe` l-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, u dan sabiex igieghlu lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

3. f’Malta assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu f’Malta d-delitti hawn fuq imsemmija li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija; u

[1] Originarjament kien hemm ko-akkuzat maghhom ukoll Joseph Zammit, izda il-kaz fil-konfront tieghu inqata’ separatament.

4. Mario Camilleri wahdu kien akkuzat talli sar recidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru 2003 (fol. 849 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni) li permezz taghha l-istess Avukat Generali baghat lill-imputati biex jigu ggudikati mill-Qorti Inferjuri fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-istess imputati; rat il-kunsens tal-imputati li l-kaz taghhom jigi trattat mill-Qorti Inferjuri (fol. 851 u 853);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet (**i**) lil Mario Camilleri hati skond l-ewwel u skond ir-raba'[2] imputazzjoni, illiberatu mit-tieni imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet ikkunsidrata bhala alternattiva ghall-ewwel wahda, u kkundannat lill-istess Mario Camilleri **ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija**; (**ii**) lil Pierre Camilleri hati skond l-ewwel imputazzjoni, illiberatu mit-tieni imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, u kkundannatu **ghall-piena ta' tliet (3) snin prigunerija**; u (**iii**) sabet lil Anthony John Grech Sant hati skond l-ewwel imputazzjoni, illiberatu mit-tieni imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, u kkundannatu **ghall-piena ta' tliet snin (3) prigunerija**; dik il-qorti wkoll ordnat, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 li t-tlett imputati jhallsu in kwantu ghal terz kull wiehed lir-Rgistratur fi zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba, is-somma ta' tlett mija u tlieta w ghoxrin Euro u sitta w sebghin Euro centezmu (€323.76), liema somma tirraprezenta l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Camilleri u Pierre Camilleri (Rikors nru 302/08) minnhom prezentat fis-27 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu huma talbu li jigu liberati minn

[2] Fis-sentenza appellata ir-raba' imputazzjoni hija indikata bhala s-sitt imputazzjoni, peress li hekk originarjament kienet in vista' ta' xi akkuzi ohra, li mhux qed jigu riprodotti f'din is-sentenza, li kienu jirreferu ghal Joseph Zammit biss. A skans ta' ekwivoci, ir-raba' jew sitt imputazzjoni hija dik tar-recidiva.

dawk l-imputazzjonijiet li taghhom instabu hatja, jew, alternattivament, li tigi varjata l-piena; rat ukoll ir-rikors ta' Anthony John Grech Sant (Rikors nru 308/08), ukoll prezentat fis-27 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu huwa talab li jigi lliberat mill-imputazzjoni li taghha nstab hati jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, li l-piena fuqu inflitta tigi varjata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fid-diversi udjenzi mizmuma; ikkunsidrat:

**1.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji tal-appellanti – u ser tibda bl-appell ta' Mario Camilleri u Pierre Camilleri billi kien dan li, kronologikament, dahal l-ewwel fir-registru – trid tirrileva li hija hadet certu zmien biex tghaddi ghas-sentenza ghax riedet li tezamina akkuratament l-attijiet kollha tal-kumpilazzjoni, inkluzi anke d-dokumenti kollha li ghalihom ma sarx accenn dirett mill-appellanti, u dan biex tkun tista' tassigura ruhha li ma halliet barra xejn li seta' kien relevanti u li hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kien relevanti. Din il-kumpilazzjoni li, kif inghad aktar 'l fuq, originarjament saret fil-konfront ta' erba' imputati, tikkonsisti f'disa' volumi (tnejn minnhom suddivizi f'volumi ohra) u 'l fuq minn elfejn faccata ta' atti, oltre kwantita` ta' dokumenti li hafna minnhom huma voluminuzi (bhal, per ezempju, it-traskrizzjonijiet tal-intercettazzjonijiet telefonici). Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni wkoll dawn id-dokumenti, din il-Qorti tikkalkola li hemm b'kollox mat-tlett elef pagna fil-kumpilazzjoni kollha.

**2.** L-ewwel zewg aggravji tal-appellanti Mario u (ibnu) Pierre Camilleri jistghu jigu kkunsidrati flimkien, u huma ta' natura legali pero` b'ramifikazzjonijiet fattwali. In sustanza dawn iz-zewg aggravji kienu effettivament tressqu bhala difiza quddiem l-ewwel qorti – ara kemm in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mario u Pierre Camilleri tal-25 ta' Gunju 2008 (fol. 2130 [1398]), kif ukoll dik ta' Anthony John Grech Sant tat-3 ta' Gunju 2008 (fol. 2105 [1373]) tal-attijiet tal-kumpilazzjoni. Dawn l-aggravji huma fis-sens li ma jistax jinghad li fil-kaz in dizamina japplikaw il-paragrafi (b) u (c) tal-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li

tahthom huma (u Grech Sant ukoll) gew akkuzati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu. L-artikolu u l-paragrafi in kwistjoni flimkien jaqraw[3] hekk: **"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati – (*b*) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa tmintax-il xahar; (*c*) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin."** Ovvjament dana l-artikolu jirreferi ghall-korruzzjoni passiva[4], cioe` dik imwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku, ghax fil-ligi taghna, ghall-anqas fir-rigward ta' dan ir-reat, il-korruzzjoni attiva – l-eghmil ta' min jikkorrompi – hija regolata bl-Artikolu 120, li jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu li **"il-persuna li tikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku…titqies li hija komplici"**, u ghalhekk, bhala komplici, hija soggetta ghall-istess piena tal-awtur. L-appellanti Camilleri ghandhom, fil-fatt, aggravju – it-tielet wiehed – li huwa konsegwenzjali ghall-ewwel tnejn, riferibbiliment proprju ghall-Artikolu 120. L-appellanti Camilleri jikkontendu, kif ghamlu effettivament quddiem l-ewwel qorti, li ma hemmx prova li z-zewg imhallfin (l-ex-Imhallef Vella u l-ex-Prim Imhallef Arrigo) naqsu milli jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu. Jargumentaw, permezz tal-abbili difensur taghhom Dott. Joseph Brincat, li hawn si tratta ta' sentenza fejn Mario Camilleri kien gie kkundannat ghal

---

[3] Ovvjament din il-Qorti ser tirriproduci d-disposizzjoni kif kienet qabel l-emenda introdotta bl-Att III tal-2004.

[4] B'referenza ghall-ligi Taljana, li hi, pero`, differenti f'diversi aspetti minn taghna, in-**Novissimo Digesto Italiano** (UTET, 1957, vol. IV, *v. corruzione*, p. 899) jghid hekk: "La corruzione si presenta sotto una duplice forma: *passiva* e *attiva*. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda cioe` il fatto dell'*intraneus*, pubblico ufficiale o incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, per un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio. La seconda, e cioe` l'*attiva*, e` costituita dal fatto del corruttore; e riguarda, cioe`, la condotta dell'*extraneus*, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."

numru partikolari ta' snin ta' prigunerija, sar appell dwar il-piena, u din giet ridotta, u li ma hemm xejn x'jindika li din oggettivament ma kellhiex tigi hekk ridotta. La darba ma hemm xejn x'jindika li ma kellhiex tigi hekk ridotta, allura – dejjem skond l-appellanti Camilleri – ma jistax jinghad li z-zewg gudikanti gew avvicinati bl-iskop li jonqsu milli jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu u/jew li effettivament hekk naqsu. Ikomplu jargumentaw li galadarba l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) hija komposta minn tlett Imhallfin u hemm element ta' diskrezzjonalita` fil-ghoti tal-piena, fin-nuqqas tad-deposizzjoni tal-ex-Imhallef Vella (li l-kaz tieghu diga` ghadda in gudikat izda li ma ddeponiex fil-kumpilazzjoni *de quo*) u fin-nuqqas ta' prova li t-tielet Imhallef – l-Onor. Imhallef Filletti, li, ghandu dejjem jigi ribadit, qatt ma gie avvicinat minn ebda wiehed mill-appellanti u kien ghal kollox estraneju ghall-kwistjoni kollha – ma kienx qabel mar-riduzzjoni tal-piena, ma jistax jinghad li t-tnejn l-ohra naqsu milli jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu. Skond l-imsemmi abbili difensur, huwa kontrosens li jinghad li bl-istess sentenza, zewg imhallfin naqsu milli jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu, izda t-tielet wiehed effettivament ghamel dmiru; u li fejn il-ligi taghti diskrezzjoni fil-ghoti tal-piena ma jista' qatt jinghad li gudikant ikun naqas li jaghmel dmiru kemm jekk jaghti piena anqas u kemm jekk jaghti piena oghla.

**3.** Dawn l-argumenti huma, bid-dovut rigward lejn l-abbili difensur tal-appellanti, semplicistici u jinjoraw l-essenza tal-korruzzjoni li dwarha qed nitkellmu. Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*[5]. Fil-kaz in dizamina ghandna *ex hypotesi* zewg gudikanti, membri ta' qorti ta' appell komposta minn tlett imhallfin, li accettaw promessa jew offerta ta' flus sabiex huma jnaqqsu, ossia jassiguraw li titnaqqas, piena ta' prigunerija

[5] Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II** Giuffre` (Milano), 1986, p. 788.

fil-konfront ta' persuna li kienet giet sentenzjata mill-Qorti Kriminali. Hu appena neccessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process, aktar u aktar konsiderazzjoni ta' xi korrispettiv venali jew utili iehor li jkun gie prospettat lilu. Malli gudikant jaccetta l-weghda jew offerta ta' flus jew utili iehor – u tali accettazzjoni tista' tigi ndikata anke b'semplici dikjarazzjoni li huwa "lest li jghin" jew "lest li jara x'jista' jsir" jew espressjonijiet simili li juru li huwa lest li jiehu in konsiderazzjoni dak li jkun gie propost lilu li jsir versu l-korrispettiv prospettat – huwa jkun sar hati tar-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115(b) imsemmi. Jekk, in segwitu, dak li jkun gie prospettat lilu (fil-kaz in dizamina, li jkun hemm riduzzjoni fil-piena) effettivament isehh, huwa jkun effettivament naqas li jaghmel dak li jkun fid-dmir tieghu li jaghmel fit-termini tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 115, u dan anke jekk oggettivament kien hemm lok ta' riduzzjoni fil-piena. Ghalhekk, il-fatt li l-Qorti tkun komposta kollegjalment huwa irrelevanti, ghax kull gudikant f'qorti kolleggjali ghandu l-kapacita` li jinfluwenza l-ezitu ta' decizjoni. In fatti, anke li kieku f'dan il-kaz kien gie avvicinat gudikant wiehed biss li accetta l-offerta, u in segwitu kien hemm it-tnaqqis tal-piena, xorta wahda kien ikun hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 115(c) da parti ta' dak il-gudikant wiehed. Jinghad ukoll li l-fatt li l-gudikant ikollu – jew, fil-kaz ta' qorti kolleggjali, kull wiehed mill-gudikanti jkollu – element ta' diskrezzjonalita` fil-ghoti tal-piena, ma jnaqqas xejn minn dak hawn fuq spjegat. Gudikant jonqos minn dmiru anke meta jaghmel uzu hazin minn dik id-diskrezzjoni, billi jhalli b'xi mod dik id-diskrezzjoni tigi influwenzata, anke minimament, minn konsiderazzjonijiet estraneji kif fuq imfisser. Kif ifisser il-gurista Francesco Antolisei fil-kuntest tal-espressjoni "atti contrari ai doveri di ufficio" kif uzata fl-Artikolu 319 tal-Kodici Penali Taljan:

**"Per quanto concerne il compimento di «atti contrari ai doveri di ufficio», si osserva che tale locuzione comprende ogni atto che sia in contrasto con norme**

**giuridiche o con istruzioni di servizio, <u>nonche` col buon uso del potere discrezionale, vale a dire, si risolve in un uso che non si ispiri a imparzialita` e giustizia oppure non corrisponda allo scopo per cui il potere medesimo e` conferito</u>. Non importa che si tratti di un dovere specifico o generico (come, ad es., quello della segretezza), ne` che l'atto di per se` integri un reato o soltamto un'infrazione disciplinare. La violazione della competenza e` in ogni caso un atto contrario ai doveri di ufficio."**[6] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, fil-kaz in dizamina – u hawn din il-Qorti bilfors ikollha tidhol fir-raba' aggravju tal-appellanti, ossia dwar il-kredibbilita` tax-xhud Joseph Zammit – mill-provi jirrizulta inkonfutabbilment li zewg gudikanti gew avvicinati, fuq inizjattiva tal-appellanti, bi proposta li jnaqqsu l-piena tal-appellant Mario Camilleri, versu korrispettiv ta' somma ta' flus (li lil wiehed minnhom giet deskritta varjament bhala li "jinghatalu *drink*"), u l-piena giet effettivament imnaqqsa. In segwitu – u dan huwa fattur li necessarjament kompla sahhah il-konkluzzjoni tal-ewwel qorti, bhalma jsahhah il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti – il-flus <u>gew mghoddija u accettati miz-zewg gudikanti</u>, ghalkemm wiehed minnhom jirrizulta li gerger mhux ftit ghax inghata anqas minn dak li kien gie mwieghed! Cirkostanza li ssahhah il-konkluzjoni li f'dan il-kaz id-diskrezzjoni giet uzata minn dawn iz-zewg gudikanti mhux zbaljatament izda malament fis-sens appena spjegat fil-parti sottolineata mis-silta mill-Antolisei, tirrizulta mid-deposizzjoni tal-Avukat Dott. Mark Said, li allura kien il-prosekutur fl-appell ta' Mario Camilleri. A fol. 572 [575] u 573 [576] tal-kumpilazzjoni huwa jghid hekk:

**"Jumejn wara, jew tlett ijiem wara, inghatat is-sentenza fejn is-sentenza giet ridotta minn sittax-il sena ghal tnax-il sena habs. Ghal din is-sentenza jien kont prezenti, kif ukoll Dr Emanuel Mallia. Waqt li kienet qeghda tinqara dik is-sentenza, imma kienet ghadha ma nqratx kollha kemm hi, ahna [l-avukati] konna bilqeghda madwar il-mejda fl-awla u f'hin**

---

[6] *Op. cit.* p. 793.

**minnhom Dr Mallia qalli, 'Hawn hekk kollox l-istess ser jibqa', kellek ragun'. Ghidtlu, 'Ghidtlek jien'. Nghid li meta s-sentenza nqrat kollha u rajna li l-prigunerija giet ridotta b'erba' snin, it-tnejn li ahna, jigifieri jien u Dr Mallia, it-tnejn konna sorprizi ferm bil-harsa li tajna lilna nfusna u anke il-kumment."**

**4.** Din il-Qorti ser tikkonkludi dwar dawn l-ewwel zewg aggravji billi tikkwota dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata a propositu tad-difiza li kienet qed tigi avanzata quddiemha, u cioe` li ma kienx hemm prova jew ma setax ikun hemm prova li f'dan il-kaz is-suggett passiv kellu jonqos milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel u/jew li effettivament naqas milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel. Dik il-qorti qalet hekk:

**"Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mid-difiza ta' Anthony Grech Sant li Imhallef li jippresjedi Qorti tal-Appell li jvarja sentenza moghtija minn Qorti Inferjuri billi jirriduci l-piena ma jkunx qed jonqos minn dmiru. Il-Qorti, izda, jidhrilha li l-prosekuzzjoni mhux qed tallega li z-zewg gudikanti in kwistjoni naqsu minn dmirhom ghaliex irriducew il-piena. Fil-fehma tal-Qorti gudikant ikun qed jaqdi dmiru jekk jezercita` dik id-diskrezzjonalita` jew poter moghti lilu mill-ligi jekk fid-deliberazzjoni tas-sentenza jiehu in konsiderazzjoni biss tal-fattispeci tal-kaz u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz skond dak li jirrizulta mill-atti processwali u skond dak li jigi trattat quddiemu viva voce waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Gudikant ikun qed jonqos minn dmiru jekk jaccetta li jnaqqas jew ivarja piena ghaliex ikun gie avvicinat minn persuni li jew ikunu parti fil-kawza jew inkella qed jitkellem** [recte: jitkellmu] **f'isem parti fil-kawza mhux waqt it-trattazzjoni tal-kaz jew altrimenti bil-miktub izda dejjem fl-atti tal-kaz. F'dan il-kaz gie ppruvat li saret offerta ta' rigal konsistenti fi flus liz-zewg gudikanti msemmija aktar 'l fuq sabiex ikun hemm tnaqqis fil-piena, gie pruvat li tali offerta giet accettata, gie pruvat li effettivament kien hemm tnaqqis fil-piena u gie pruvat ukoll li wara li nghatat is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2002 ir-rigal konsistenti fi flus,**

**anke jekk anqas mill-ammont originarjament miftiehem, gie mghoddi liz-zewg gudikanti. Jirrizulta ghalhekk li z-zewg gudikanti ezercitaw id-diskrezzjoni moghtija lilhom mil-ligi mhux ghar-ragunijiet permessi mil-ligi izda ghaliex gew avvicinati dwar il-kaz barra l-edificju tal-Qorti u mhux waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u huma accettaw li jezercitaw il-poter lilhom moghti skond il-ligi wara li gew hekk avvicinati u wara li saritilhom tali offerta. Huma ghalhekk certament jistghu jitqiesu li kienu qed jonqsu li jaghmlu dmirhom ghaliex parti mid-dmir taghhom certament ma jikkomprendix li jaccettaw li jiddiskutu varjazzjoni ta' piena hlief waqt it-trattazzjoni tal-kaz u aktar u aktar ma jistax jitqies li qdew dmirhom fil-mument li accettaw offerta ta' rigal sabiex ikun hemm tnaqqis fil-piena."**

Din il-Qorti hi tal-fehma li din is-silta tirrispekkja korrettement kemm il-ligi kif ukoll il-fatti. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-ewwel zewg aggravji tal-appellanti Mario u Pierre Camilleri qed jigu respinti.

**5.** It-tielet aggravju ta' dawn iz-zewg appellanti huwa ccentrat fuq l-Artikolu 120 tal-Kap. 9. Huma jikkontendu li galadarba ma kienx hemm prova li z-zewg Imhallfin naqsu milli jaghmlu dmirhom, neccessarjament isegwi li huma ma jistghu jinstabu hatja skond l-Artikolu 120(1) izda, se mai, setghu jinstabu hatja skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu[7]. Fid-dawl, pero`, ta' dak li nghad hawn aktar 'l fuq f'din is-sentenza u l-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti dwar l-ewwel zewg aggravji, huwa evidenti li dana l-aggravju ma jistax hlief jitqies bhala wiehed infondat. L-istess ghandu jinghad dwar ir-raba' aggravju, fejn l-appellanti jistiednu lil din il-Qorti sabiex tiskarta d-deposizzjoni, anzi deposizzjonijiet, ta' Joseph Zammit bhala mhux ta' min wiehed joqghod fuqhom. Addirittura l-appellanti jergghu jipproponu t-tezi, gja minnhom proposta quddiem l-ewwel qorti, li kien Joseph Zammit li

[7] Art. 120(2): "Jekk l-ufficjal jew impjegat pubbliku ma jaghmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li thajjar lil dan l-ufficjal jew impjegat pubbliku bex jaghmel id-delitt tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar." Hawn ukoll mhux qed jittiehed kont tal-emendi introdotti bl-Att III tal-2004.

originarjament hareg bl-ideja kollha biex jigu avvicinati z-zewh Imhallfin. Din il-Qorti wara, li kif inghad, gharblet akkuratament u fit-tul il-provi kollha, inkluzi, naturalment, id-diversi deposizzjonijiet tal-imsemmi Zammit, ma tara ebda validita` f'dan l-aggravju. Minkejja l-fedina penali xejn sabiha tieghu, jirrizulta li dana Zammit kien dejjem fis-sustanza konsistenti f'dak li qal, u ghalkemm f'certi stadji donnu pprova jxellef xi ftit diskors li kien qallu wiehed mill-gudikanti, ma hemm ebda raguni ghala din il-Qorti m'ghandhiex toqghod fuq dak li ddepona dan ix-xhud ghal dak li hu kif bdiet l-affari, kif gew avvicinati l-Imhallfin, id-diskors dwar il-flus u l-ghoti tal-flus lill-istess Imhallfin. Inoltre, hafna minn dak li huwa xehed hu korroborat bit-traskrizzjonijiet tal-intercettazzjonijiet telefonici.

**6.** Il-hames u l-ahhar aggravju tal-appellanti Camilleri jirrigwarda l-piena. Dana l-aggravju sejjer, pero`, jigi kkunsidrat kontestwalment ma' l-aggravju simili mressaq mill-appellant l-iehor Anthony John Grech Sant.

**7.** Din il-Qorti, ghalhekk, sejra issa tghaddi biex tezamina l-aggravji tal-appellant Grech Sant. L-aggravji minnu mressqa taht il-paragrafi minn A sa G fir-rikors ta' appell tieghu huma interkonnessi u, f'certu sens ukoll ripettittivi, u ghalhekk ser ikollhom neccessarjament jigu kkunsidrati flimkien. Dana l-appellant jipproponi piu` o meno l-istess aggravju taz-zewg appellanti l-ohra, u cioe` li ma jistax jinghad li kien hemm prova li s-suggett passiv tar-reat fil-fatt naqas milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel (u dan ghar ragunijiet li gja rajna: il-kolleggjalita` tal-qorti, id-diskrezzjonalita` fil-ghoti tal-piena, ecc.). Pero` dana l-appellant imur oltre u jghid li anqas hemm prova li l-gudikant li huwa avvicina, cioe` l-ex Prim Imhallef Arrigo, fil-fatt accetta l-weghda jew offerta ta' xi rigal li hu kien ghamel, u li ghalhekk se mai u in pessima ipotesi ghalih (cioe` ghal Grech Sant) hu applikabbli s-subartikolu (2) tal-Artikolu 120 (ara note *in calce* nru 7, *supra*). Hu jikkontendi, pero`, li hu kullma ghamel kien li "talab il-hniena" (fil-konfront ta' Camilleri) u mhux li ghamel xi

offerta jew weghda ta' flus[8]. Jghid li jekk kien hemm offerta lill, u accettazzjoni da parti ta', l-ex Prim Imhallef, din l-offerta saret minn haddiehor u hu kien estraneju ghal dan l-arrangament. Huwa infatti jghid fir-rikors tieghu:

**"Jirrizulta li l-accettazzjoni tal-weghda, jekk saret, saret ma' Joseph Zammit u mhux mal-esponenti. Joseph Zammit jirrizulta li kien mar ikellem direttament huwa stess lil Dr Noel Arrigo…It-trattattivi l-ohra Anthony Grech Sant jghid li sar jaf bihom wara li kienu saru u bl-ebda mod ma ppartecipa fihom jew dahal fihom. Mill-istqarrija tieghu u mill-fatti li gabet il-Prosekuzzjoni, il-kwadru tal-fatti jirrizulta bl-aktar mod car illi l-istigazzjoni biex jigri dak illi gara kienet ta' persuna ohra, Joseph Zammit, illi hadet diversi inizjattivi u wkoll kienet qed taghmlu bi skop ta' qligh…Minn dan johrog illi s-sitwazzjoni aktar gravi illi ntlahaq ftehim kif allegat illi Imhallef accetta l-hlas ta' ghaxart elef lira, Anthony Grech Sant ma kienx jaf, ma ppartecipax fih biex wasal ghal tali ftehim, u ma kienx jaf illi haddiehor sejjer jinduci lill-Imhallef biex jaccetta l-flus meta lilu** [Arrigo] **kien qallu li ma riedx flus, pero` kien ser jara x'seghta jaghmel, u waqt illi kien sar tali ftehim ta' hlas huwa ippruvat illi Anthony Grech Sant ma kienx prezenti, u ghalhekk ma setax jimpedih."**

**8.** Dana, mela, huwa l-pern tal-aggravju tal-appellant Grech Sant. Issa, fil-kors tad-diversi argumenti mressqa minn dana l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, hemm zewg argumenti partikolari li jimmeritaw konsiderazzjoni apparti. L-ewwel konsiderazzjoni hi dik maghmula fil-paragrafu B tar-rikors tieghu. Huwa jikkontendi li galadarba l-ex-Prim Imhallef Arrigo ghadu ma giex processat u ma hemmx fil-konfront tieghu gudikat, "…suppost skond il-Kostituzzjoni ghad ghandu l-presunzjoni tal-innocenza. Anke kieku kien hemm sentenza kien irid jigi pruvat f'dawn l-atti li fil-fatt l-ufficjal pubbliku jkun naqas minn dmiru ghax ixxahham. Ahseb u

[8] Ara l-ewwel u tieni paragrafu taht il-paragrafu generali G fir-rikors ta' l-appell u l-intestatura "Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali".

ara,” ikompli jghid l-appellant, “meta ma hemmx tali sentenza.” Dwar dan il-punt il-Qorti tirrileva li huwa minnu li l-imsemmi gudikant ghandu ma giex processat, pero` dan ma jfissirx li ma tistax issir il-prova f’dawn il-proceduri kontra terzi (Mario Camilleri, Pierre Camilleri u Anthony John Grech Sant) li effettivament hemm il-korruzzjoni passiva ta’ dan l-ufficjal pubbliku. Hu risaput li l-komplici f’reat – u, kif rajna, il-persuna li tikkorrompi hi meqjusa bhala komplici – tista’ anke tigi processata qabel ma jigi processat l-awtur tar-reat, u fil-proceduri kontra l-imsemmi komplici xorta wahda jkun irid jigi ppruvat li reat ikun gie kommess mill-awtur. Dan b’ebda mod ma jxellef il-presunzjoni tal-innocenza fil-konfront tal-awtur, presunzjoni li tibqa’ ssehh sa ma l-awtur effettivament jigi dikjarat hati. It-tieni konsiderazzjoni hija fir-rigward ta’ dak li jinghad fil-bidu nett tal-paragrafu D tar-rikors ta’ appell. L-appellant jikkontendi li huwa “ippartecipa” qabel l-ahhar tas-sena 2001, meta allura “il-ligi kienet differenti u l-piena kienu [recte: kienet] anqas.” Hu ghalhekk jghid li fil-konfront tieghu “kienet definittivament zbaljata l-ewwel Qorti meta qalet li l-fatti graw fl-2002”. Din l-asserzjoni hi gratuwita, u mhux sorretta mill-provi, provi li anzi juru l-kuntrarju. Huwa minnu li l-Artikolu 115 gie emendat bl-Artikolu 27 tal-Att III tal-2002, emenda li, kwantu ghall-piena, tmiss biss il-piena kontemplata fil-paragrafu (a) tal-imsemmi Artikolu 115. Din l-emenda giet fis-sehh, b’effett tal-A.L. 94 tal-2002, fl-1 ta’ Mejju 2002. Mill-istqarrija li l-appellant Grech Sant irrilaxxja lill-Pulizija, jirrizulta li huwa kellem lill-ex-Prim Imhallef dwar din il-bicca xoghol (u cioe` ressaqlu l-proposta li ser naraw aktar ‘l quddiem) f’Gunju 2002 (ara fol. 103 [106] tal-attijiet tal-kumpilazzjoni). Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jghid dan l-appellant, l-ewwel qorti kienet korretta meta qalet li l-fatti graw fl-2002 u, per di piu`, jirrizulta li l-fatti relevanti kollha sehhew wara l-1 ta’ Mejju 2002.

**9.** Nigu issa ghall-pern tal-aggravju ta’ dana l-appellant. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-appellant Grech Sant li huwa ma kienx parti fil-*pactum sceleris* kif aktar ‘l fuq deskritt, cioe` bejn l-offerent tal-weghda jew offerta ta’ rigal, u l-accettant (f’dan il-kaz Arrigo). Mill-provi, konsistenti fl-istqarrija tal-appellant Grech Sant, kif

korroborata b'intercettazzjoni telefonika, kif ukoll bid-deposizzjoni ta' Joseph Zammit, jirrizulta li dana Grech Sant, wara li kien gie avvicinat minn Zammit, ippropona lill-ex Prim Imhallef li jkun hemm tnaqqis fil-piena ta' Mario Camilleri, u dan versu l-hlas ta' somma ta' Lm10,000[9]:

**M. X'qallek** [Zammit] **?**
**R. Qalli li kellu habib li ried jghinu.**

**M. F'hiex jghinu?**
**R. Mhux biex inkellimlu lil xi hadd halli jnaqqsulu ftit habs ghax kien wasal ghas-sentenza ta' l-appell. Ta' din l-ghajnuna kienu lesti jhallsu s-somma ta' Lm10,000.**

**…**

**M. U wara dan, int x'ghamilt? Mort tkellem lill-Prim Imhallef?**
**R. Iva, mort inkellmu, u infurmajtu li kienu lesti jhallsu Lm10,000. Huwa qalli li kien sejjer jara x'jista' jaghmel pero` ma riedx flus.**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, hawnhekk diga` ghandna l-offerta u l-acettazzjoni taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 115(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm l-appellant jghid "pero` ma riedx flus", huwa evidenti li min jaccetta li jaghmel xi haga bi ksur tad-doveri tal-kariga tieghu meta jkun jaf, u jkun intqal lilu esplicitament li hemm, imdendla weghda ta' flus jew xi utili iehor ghal dak li jkun gie mitlub jaghmel, ikun implicitament qed jaccetta dik il-weghda. Pero` anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, wiehed kellu jghid li f'dan il-waqt partikolari ma kienx hemm l-accettazzjoni tal-weghda, minn dak li jkompli jghid Grech Sant fl-istqarrija tieghu, huwa evidenti li din l-istess weghda li huwa kien ippropona lil Arrigo giet in segwitu accettata mill-ex-Prim Imhallef (kif accennat aktar 'l fuq f'din is-sentenza; u kif jirrizulta mill-provi, wara l-ghoti tas-sentenza, Arrigo accetta l-flus, ghalkemm f'somma anqas,

[9] Is-siltiet li jsegwu huma mehuda mill-istqarrija tal-appellant Grech Sant, ezibita a fol . 102 [103] *et seq.*

minghajr tlaqliq). Huwa rrelevanti li ghal din l-accettazzjoni seta' kien hemm l-intervent mill-gdid u dirett, jew forsi l-insistenza, ta' Zammit; il-weghda baqghet l-istess wahda, cioe` dik li kien ghamel l-istess Grech Sant; u sakemm ma jirrizultax – u fil-fatt ma jirrizultax – li sussegwentement Grech Sant ghamilha cara lil Arrigo li huwa da parti tieghu kien qed jirtira inkondizjonatament dik l-offerta, jekk l-offerta giet accettata wara, Grech Sant xorta wahda jibqa' komplici fit-termini tal-ligi. Infatti, tant Grech Sant ma rtirax l-offerta *vis-à-vis* Arrigo, li addirittura kien lest illi, kieku l-ohrajn zammew ferm l-ammont (u mhux naqqsuh), jghaddi hu l-flus. Izda, peress li, fil-fehma tieghu, huma ma kienux zammew kelmthom, hu, kif qal, ma riedx jibqa' jaghmilha ta' "delivery man", pero` minghajr qatt ma kien irrexxinda l-offerta li kien ghamel lil Arrigo (u li nel frattemp kienet mhux biss giet accettata izda l-piena ta' Mario Camilleri kienet gja` giet imnaqqsa):

**M. Fit-telefonata li semmejtlek[10], inti tinstema' car tghid illi s-Sei** [Zammit] **u Pierre Camilleri ma onorawx il-ftehim peress li l-ftehim mieghu jigifieri mal-Imhallef Arrigo, kien ta' Lm10,000 u mhux Lm5,000. Minhabba f'hekk int ghidtilhom sabiex imorru u jirrangaw ma' l-Imhallef Arrigo huma u li int ma ridtx ikollok aktar x'taqsam maghha peress li, li kieku Joe Zammit is-Sei u Pierre Camilleri gew bl-Lm10,000 kont izzommhom int sabiex tghaddihom lill-Imhallef, pero` peress li huma gew b'Lm5,000 anqas mill-ftehim bejn Zammit, Camilleri u l-Prim Imhallef, ghaldaqstant, Zammit u Camilleri kellhom imorru jiffaccjaw lill-Imhallef huma. X'ghandek xi tghid?**
**R. Hekk hu. La ma onorawx il-ftehim mal-Prim Imhallef, kellhom imorru jkellmuh u jirrangaw mieghu huma.**

**…**

[10] Din it-telefonata hija dik tal-5 ta' Lulju 2002 li ggib ir-referenza 821487 (ara t-traskrizzjonijiet kontenuti fl-envelop a fol. 1175, fil-volum 8B tal-attijiet tal-kumpilazzjoni). Din giet ukoll konfermata minn Zammit fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Qorti Inferjuri tal-5 ta' Dicembru 2007, fol. 1199 [1267] *et seq.*, fil-volum 9.

**M. Wara li inghatat is-sentenza u fil-fatt Camilleri Mario kienu tnaqqsulu 4 snin habs, kien hemm xi problema da parti ta' Camilleri biex ihallas l-Lm10,000 lill-Prim Imhallef?**
**R. Jien cempilli Joseph Zammit is-Sei dak inhar tas-sentenza stess wara nofs in-nhar u qalli li kien hemm problema u li setgha jaghti biss is-somma ta' Lm5,000. Qalli wkoll li Lm5,000 kienu ser jithallsu aktar tard.**

**M. Inti hadthom il-Lm5,000 flok l-Lm10,000 kif kienu miftehim biex ittihom lill-Prim Imhallef Noel Arrigo?**
**R. Le**

**M. Ghliex Le?**
**R. Ghax ma kienitx is-somma miftehma.**

**M. Miftehma bejn min?**
**R. Camilleri u Zammit minn naha u l-Prim Imhallef minn naha l-ohra.**

**M. Kont prezenti ghal dan il-ftehim?**
**R. Le**

**M. Ghaliex deherlek li kien tan-nejk li ma zammewx il-kelma taghhom fis-somma tal-hlas?**
**R. Ghax hekk kienu ppromettew. Jigifieri kienu ppromettew Lm10,000 u mhux Lm5,000.**

**M. Allura jekk kif qed tghid inti fil-bidu l-Prim Imhallef kien qallek li kien lest li jghin minghajr hlas, ghaliex ridt Lm10,000 ghaliex il-Lm5,000 ma accettajthomx u esigejt is-somma ta' Lm10,000, inkella jmorru jiffaccawh huma?**
**R. Ghax ma ridtx nibqa' delivery man u ridt infarfar minnha peress li ma gabx is-somma miftehma, u barra minn hekk Joe lili kien qalli li hekk kienu ftehmu bejnu u l-Prim Imhallef.**

**M. Imma li tak l-Lm10,000 ma kontx tfarfar minnha, izda kont tmur ittihomlu, sewwa nghid?**
**R. Iva.**

**M. Allura Lm5,000 ghaliex le jekk l-Imhallef Arrigo skond int ma riedx flus?**
**R. Ma nafx.**

**10.** Minn dan kollu huwa car li hawn ghandna, fil-konfront tal-appellant Grech Sant l-elementi kollha tal-komplicita`, fit-termini tal-Artikolu 120(1) tal-Kap. 9, fir-reat ta' korruzzjoni kif ravvizat fl-Artikolu 115(b)(c) tal-istess Kodici. Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravji kollha tal-appellant Grech Sant, kif migjuba fil-paragrafi A sa G tar-rikors ta' l-appell tieghu.

**11.** Jibqghu biex jigu kkunsidrati l-aggravji, kemm tal-appellanti Camilleri kif ukoll tal-appellant Grech Sant, dwar il-piena. L-appellanti Camilleri jghidu fl-ewwel lok li l-piena applikabbli ghalihom kellha tkun dik "meta saru l-offerti". Frankament dana l-ilment kien, forsi, jista' jaghmel sens li kieku din il-Qorti sabet htija biss skond is-subartikolu (a) tal-Artikolu 115 (peress li, kif, rajna, kien hemm tibdil fil-piena f'dan is-subartikolu b'effett mill-1 ta' Mejju 2002 – ghalkemm ghandu jinghad ukoll li fil-fehma ta' din il-Qorti l-"offerti" saru kollha wara din id-data); izda galadarba din il-Qorti qed tikkonferma l-htija skond il-paragrafi (b) u (c) tal-imsemmi Artikolu 115, il-piena f'dawn il-paragrafi inbidlet biss bl-Att III tal-2004. Ghalhekk il-piena applikabbli ghat-tlett appellanti hija (kif gustament irriteniet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata) dik minn minimu ta' sitt xhur sa massimu ta' tlett snin prigunerija skond l-Art. 115(c). L-appellanti Camilleri jilmentaw ukoll mid-"divarju li hemm bejn il-piena inflitta fuq Joseph Zammit" u dik inflitta fuqhom. Dana Zammit, kif inghad, kien gie sentenzjat separatament fis-7 ta' April 2006 wara li kien irregistra ammissjoni fit-3 ta' Frar 2006, u kien gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija. Issa huwa minnu li dana Zammit kellu sehem mhux zghir fl-"operazzjoni" kollha, u dan kemm fil-konfront tal-ex-Prim Imhallef Arrigo kif ukoll fil-konfront tal-ex-Imhallef Patrick Vella. Huwa veru wkoll li dana instab hati ta' aktar reati milli qed jinstabu l-appellanti Camilleri bil-gudikat odjern, izda mill-banda l-ohra huwa ammetta l-akkuzi migjuba

kontra tieghu (bhalma ghamel ukoll l-ex-Imhallef Vella), u ghalhekk l-ewwel qorti kienet intitolata wkoll li tiehu din l-ammissjoni tieghu fl-ekwazzjoni dwar il-piena fil-konfront tieghu. Mill-banda l-ohra, mill-provi akkwiziti f'din il-kumpilazzjoni twila u voluminuza, jirrizulta li Mario Camilleri u Pierre Camilleri kienu l-*prime movers* f'din l-affari kollha: wiehed (Mario) ghax kellu interess dirett u immedjat li jara li l-piena tieghu tonqoslu, u l-iehor, ibnu, ghax deherlu li kellu hekk jghin lil missieru fil-korruzzjoni tal-Imhallfin. L-intercettazzjonijiet telefonici juru l-partecipazzjoni attiva u kontinwa taghhom, u l-maniggi li ghamlu biex iwebblu liz-zewg gudikanti sabiex jonqsu minn dmirhom. Pierre Camilleri u Joseph Zammit kienu, addirittura, ser ikollhom *sidekick* minn din l-affari kollha. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-ewwel qorti kienet korretta meta rriteniet li dawn it-tnejn ghandhom jinghataw il-piena massima (li fil-kaz ta' Mario Camilleri zdiedet bi grad ghal erba' snin minhabba r-recidiva). Kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, il-gravita` tar-reat li tieghu huma nstabu hatja hu rifless fl-impatt negattiv li l-istess reat kellu fuq l-amministrazzjoni tal-gustizzja u fuq is-sistema gudizzjarja ta' pajjizna:

**"L-impatt huwa wiehed negattiv kemm ghall-membri tal-gudikatura li jridu li s-socjeta` in generali jkollha fiducja shiha fl-operat taghhom, kif ukoll kien negattiv ghac-cittadin, liema cittadin m'ghandux ikollu l-icken dubju dwar l-imparzjalita` u l-integrita` ta' min qed jiggudika."**

Ghalhekk, fir-rigward ta' dawn iz-zewg appellanti ma ghandu jkun hemm ebda varjazzjoni fil-piena.

**12.** Il-posizzjoni tal-appellant Anthony John Grech Sant, pero`, hija ftit differenti. Ghalkemm wiehed m'ghandux jimminimizza l-gravita` ta' dak li huwa ghamel, jidher li l-partecipazzjoni tieghu kienet limitata fil-konfront ta' gudikant wiehed biss (mit-tnejn involuti), kienet ferm anqas attiva u persistenti minn dik tal-appellanti Camilleri u ta' Joseph Zammit, u – u dana huwa l-aktar punt li huwa ghandu "favurih" – kellu fil-bidu ta' din il-kumpilazzjoni u

ghad ghandu sal-lum[11] fedina penali kompletament nadifa, minghajr anqas xi kontravvenzjoni zghira tat-traffiku (ara l-kopji tal-fedina penali tieghu ezibiti a fol. 29 fil-volum nru 1, u fol. 1540 fil-volum nru 9). Din ic-cirkostanza jidher li ma nghatat ebda importanza mill-ewwel qorti, u in fatti anqas tissemma' fis-sentenza appellata; u dan, fil-fehma ta' din il-Qorti u bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, ma kienx korrett. Wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-sehem relattivament limitat tieghu f'din l-affari kollha[12], kif ukoll is-sentenzi li nghataw fil-konfront ta' Joseph Zammit[13] u ta' Dr Patrick Vella[14], hija tal-fehma li dana l-appellant ma kellux jinghata l-piena massima ta' tlett snin li effettivament inghata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont tal-massimu u l-minimu tal-piena applikabbli, piena ta' ghoxrin xahar prigunerija tkun aktar gusta fir-rigward ta' dana l-appellant.

**13.** Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant Grech Sant talab anke li l-piena ta' prigunerija tigi, se mai, sospiza, jigifieri li tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza. Huwa ressaq in sostenn ta' din it-talba tieghu il-fatt li huwa, minn mindu sehh il-kaz, kien marad serjament u li l-"process kien martirju ghalih u bi gravita` enormi ghal hajtu u ghan-negozju tieghu". Il-Qorti ezaminat iz-zewg certifikati medici ezibiti a fol. 1538 tal-atti, pero` tara li ftit li xejn dawn jistghu jkunu ta' relevanza ghad-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni tas-sospensjoni o meno tal-piena ta' prigunerija. Fil-kaz tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku – reat li huwa generalment difficli li jigi skopert, proprju ghax il-*pactum sceleris* ikun jinstiga liz-zewg partijiet ghas-silenzju – u, per di piu` meta si tratta ta' korruzzjoni ta' membri tal-gudikatura, ghandu jipprevali l-element tad-deterrent, u cioe` li min jinqabad ghandu jkollu c-certezza ta' piena ta' prigunerija b'effett immedjat. Ghalhekk, fil-

---

[11] Jew, biex wiehed ikun aktar preciz, sal-gurnata li fiha giet ezibita l-fedina penali "aggornata" fil-mori tal-appell fl-20 ta' Novembru 2008.

[12] Jigi osservat a propositu li minn 56 intercettazzjoni telefonika, dana l-appellant jiffigura, bhala persuna li qed titkellem ma' xi haddiehor, fi tnejn biss minnhom.

[13] Fis-7 ta' April 2006, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[14] Fit-13 ta' Marzu 2007, mill-Qorti Kriminali.

fehma ta' din il-Qorti, ma hemmx lok ghal piena ta' prigunerija sospiza.

**14.** Ghall-motivi pemessi din il-Qorti tiddisponi miz-zewg appelli billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn Anthony John Grech Sant gie kkundannat ghall-piena ta' tlett snin prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------